MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 112/2007

**Talba Nru: 112/07PBC**

**Maltacom p.l.c. C22334 u b'digriet tat-21 ta' Novembru, 2007 l-isem "Maltacom p.l.c." inbidel ghal "GO p.l.c."**

**Vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u sittin Euro u tlieta u sittin Euro

cents (€460.63) - (Lm197.75c) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici fi Triq l-Isqof Caruana, Msida f'Jannar 2003 u dan skond fattura bir-referenza 12306 datata 31 ta' Mejju, 2003 (file relattiv – GT3/2003/4).

Illi l-Korporazzjoni konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta nkluzi dawk ta' ittri ufficjali tas-27 t'Ottubru, 2004 u tat-12 t'Ottubru, 2006 u bl-imghaxijiet okkorrendo mill-31 ta' Mejju, 2003.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-hsarat maghmula lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici kif indikati fl-Avviz tat-talba ma gewx ikkagunati mill-Korporazzjoni konvenuta.

Sema' x-xhieda ta' Matthew Dimech, PS 1102 Robert Everest, George Farrugia, Victor Busuttil, Raymond Borg u ta' Charles Caruana.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Keith Grech ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi fl-20 ta' Jannar, 2003 sar rapport minn George Farrugia bhala *Principal Technical Officer* mal-Maltacom illi dakinhar stess kienu rcevew diversi ilmenti dwar hsarat fis-servizz tat-telefon u nstab illi kien hemm hsara f'cable fi Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida liema cable fih 100 pairs. Dan il-cable kien midfun taht il-wicc tat-triq. L-istess

Farrugia ndika li ma kellux suspett f'hadd. Il-Pulizija pero' fir-rapport indikaw illi skond il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida kienet saret talba ghax-xoghlijiet da parti tal-Water Services Corporation.

Matthew Dimech bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida xehed illi ghalkemm fl-2003 ma kienx is-Segretarju Ezekuttiv, mir-records taghhom sab illi f'Jannar 2003 kien hemm applikazzjoni ghal zewg permessi, wiehed fis-16 u l-iehor fit-18 ta' Jannar u z-zewg kazijiet l-applikant kien il-Water Services Corporation.

Fir-rigward tax-xoghlijiet tat-18 ta' Jannar, 2003 ix-xoghol kellu jsir bejn it-tmienja ta' filghodu u t-tmienja ta' filghaxija fi Triq l-Isqof Caruana mentri x-xoghol tas-16 ta' Jannar kellu jsir referibbilment ghall-proprjeta' ndikata bhala Milton Flats. PS 1102 ikkonferma li kien ircieva r-rapport u li l-persuna li ghamlet il-*complaint*, George Falzon infurmah li aktarx il-hsara grat minhabba xoghlijiet li kien ghamel il-kuntrattur fl-inhawi. A fol 40 u 41 hemm kopji tal-permessi relattivi u minn hemm wiehed jista' jinduna illi Milton Flats huma proprju wkoll fi Triq l-Isqof Caruana.

George Farrugia xehed illi f'Jannar ircevew hafna *complaints* u minn investigazzjoni sabu li kien hemm cable maqtugh fis-sens li dan intlaqat u kien dahallu l-ilma. Il-cable kien imkebbeb bil-karti u jekk jintlaqat mhux bilfors wiehed jinduna minnufih izda eventwalment jidhol l-ilma u b'hekk tinduna li hemm il-hsara. Hu kkonferma illi x-xoghol fl-inhawi kien ilu li tlesta fis-sens illi t-trinka li kienet inqatghet kienet diga' moghtijja bl-asfalt.

Victor Busuttil li huwa *Senior Technical Officer* tal-Maltacom xehed illi huwa jiehu hsieb biex meta jsiru t-*trenching works* u ssir talba biex ikun hemm il-marki, izda f'Jannar 2003 ma saret l-ebda talba biex isiru l-marki relattivi.

Raymond Borg bhala *Principal Foreman* mal-Water Services Corporation ikkonferma illi l-permessi esebiti li applika ghalihom hu. Kien sar xoghol f'Jannar izda hu kien mar biss fit-18 ta' Jannar li kien is-Sibt u dakinhar ma

kien hemm l-ebda ilmenti dwar hsarat tat-telefon u ma kellux rapporti lanqas ghas-16 ta' Jannar. Huwa qal illi fl-ebda okkazzjoni ma laqtu cable u kieku laqtu cable hu stess kien jaghmel ir-rapport u l-ewwel darba li kien sema' dwar hsara kien madwar xahar qabel ma tela' jixhed f'din il-kawza jigifieri f'Novembru 2007.

Charles Caruana wkoll prodott mill-Water Services Corporation iddikjara li huwa *multi-skill operator* u kien involut meta saru x-xoghol fit-18 ta' Jannar. Huwa qal hekk:

"Qed nigi mistoqsi jekk jiena rajtx xi cables waqt li qeghdin naghmlu xi xoghol, jigifieri cables tat-telefon u jiena ma jidhirlix li rajt cables tat-telefon."

Huwa qal illi l-ewwel darba li sema' li kienu ntlaqtu xi cables kien gurnata qabel ma xehed, jigifieri qabel il-21 ta' Novembru, 2007. Aktar 'il quddiem fix-xhieda tieghu qal hekk:

"Mistoqsi biex nghid jekk ilqatx cables nghid illi lanqas biss rajt cables tat-telefon."

Illi f'kazijiet simili min jallega jrid jipprova u f'din il-kawza, stante li s-socjeta' attrici qeghda tallega li s-socjeta' konvenuta ghamlet hsarat fis-sistema tat-telefon, jispetta lis-socjeta' attrici li ggib il-provi necessarji dwar dan.

Mill-provi prodotti ghalkemm jirrizulta illi verament kien hemm hsara fis-sistema tat-telefon tas-socjeta' attrici, din il-hsara giet notata u identifikata fl-20 ta' Jannar, 2003 u jirrizulta wkoll mill-provi illi fis-16 u fit-18 ta' Jannar 2003, il-Water Services Corporation kienet qed taghmel xoghol ta' trinek fl-inhawi.

M'hemm l-ebda provi li kienu x-xoghlijiet li ghamlu l-konvenuti li taw lok ghall-hsarat. Ghalkemm huwa possibbli li kien hekk, pero' hemm possibilitajiet ohra u certament l-provi prodotti m'humiex tali biex inisslu fit-Tribunal dak il-konvinciment morali fuq bazi ta'

probabilitajiet li l-hsarat reklamati kienu mputabbili ghax-xoghlijiet maghmula mis-socjeta’ konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta’ attrici ma rnexxiliex tipprova li l-Korporazzjoni konvenuta hija responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------